# QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Att ta' Akkuża numru 10/2020

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**kontra**

**EDWIN CAMILLERI**

Illum 7 t'Ottubru 2021

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 10 tas-sena 2020 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Edwin Vassallo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 193072 (M), fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

Illi, nhar il-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), Josette Camilleri kienet irrikorriet ghand il-*Victim Support Unit* fi hdan il-Korp tal-Pulizija, fejn kienet stqarret li kemm hi kif ukoll bintha Roberta Marie Camilleri, li dak iz-zmien kienet minuri, kienu gew abbuzati sesswalment mill-akkuzat Edwin Camilleri;

Illi, Edwin Camilleri huwa mizzewweg lil Josette Camillerii u flimkien ghandhom zewgt ulied li wahda minnhom hija propju l-vittma minuri Roberta Marie Camilleri;

Illi, ini vista ta' dak li rrapurtat Josette Camilleri, il-Pulizija Ezekuttiva kienet ipprosegwiet sabiex tkellem lill-minuri Roberta Marie Camilleri, fejnj l-istess minuri kienet stqarret li darba, meta kien ghad ghandha bejn tnax (12) u tlettax (13)-il sena, hija kienet rieqda fis-sodda ta' ommha u missierha flimkien mal-akkuzat Edwin Camilleri, u dana stante li ommha kienet ghadha xoghol. Roberta Marie Camilleri stqarret illi dakinhar, waqt li hija kienet rieqda, kienet hasset lil missierha Edwin Camilleri jpoggi jdejh fuq spallitha u jdahhal idejh minn taht il-flokk li kienet liebsa u hemmhekk ghadda sabiex imissilha sidirha. Stqarret ukoll li missierha Edwin Camilleri kien umbghad dahhal idejh taht il-qalziet ta' taht taghha u beda' jmiss il-parti privata taghha. Roberta Marie Camilleri stqarret li dak il-hin, hi ma qalet xejn, ghamlitha ta' birruhha li kienet rieqda imma bdiet taghti bis-sieq biex Edwin Camilleri ma jibqax jippersisti b'dan l-agir mhux mixtieq fil-konfront taghha. Pero', l-istess Edwin Camilleri xorta wahda ma waqafx u baqa' ghaddej imiss il-parti privata taghha sakemm sema' l-bieb ta' barra jinghalaq u nduna li kienet irritornat Josette Camilleri mix-xoghol;

Illi, dan ir-reat huwa wiehed aggravat ai termini tal-ligi stante li:

- Sar fuq persuna vulnerabbli, u cioe' persuna ta' taht il-hmistax (15) – il sena;
- Gie mwettaq minn membru tal-familja tal-wild;
- Sar fuq il-persuna ta' dixxendent;
- Sar fuq persuna li kienet qed tghix fl-istess dar bhal hati.

Illi, di piu, permezz ta' sentenza datata t-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-ismijiet: Il-Pulizija vs Edwin Camilleri (per Mag. Dr. Saviour Demicoli LL.D.) kif ukoll permezz ta' sentenza datata l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija vs Edwin amilleri (per Mag,. Dr. A.J. Vella LL.D.), l-akkuzat Edwin Camilleri kien instab hati ta' reat/i kriminali, u ghaldaqstant huwa ukoll recediv ghall-fini u l-effetti kollha tal-Ligi.

Illi, ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Edwin Camilleri, recediv f'delitt, sar hati talli fis-sena elfejn u sittax (2016) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin,

ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taht l-eta' (Roberta Marie Camilleri), b'dana illi dan ir-reat huwa wiehed aggravat stante li:

- Sar fuq persuna vulnerabbli, u cioe' persuna ta' taht il-hmistax (15) – il sena;
- Gie mwettaq minn membru tal-familja tal-wild;
- Sar fuq il-persuna ta' dixxendent;
- Sar fuq persuna li kienet qed tghix fl-istess dar bhal hati.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat Edwin Camilleri rrenda ruhu recediv.

Għaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi akkuzat Edwin Camilleri, recediv f'delitt, hati talli fis-sena elfejn u sittax (2016) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taht l-eta' (Roberta Marie Camilleri), b'dana illi dan ir-reat huwa wiehed aggravat stante li:

- Sar fuq persuna vulnerabbli, u cioe' persuna ta' taht il-hmistax (15) – il sena;
- Gie mwettaq minn membru tal-familja tal-wild;
- Sar fuq il-persuna ta' dixxendent;
- Sar fuq persuna li kienet qed tghix fl-istess dar bhal hati.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat Edwin Camilleri rrenda ruhu recediv.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkuzat Edwin Camilleri, recediv f'delitt, u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn disa' (9) xhur sa erbghin (40) sena prigunerija, bil-piena tar-rekluzjoni ghall-mhux aktar minn tnax (12)-il perjodu jew billi jizdiedu pieni ohra stabbiliti fir-regolamenti tal-habs, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 204C(1), 208AC, 292(h), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

Illi, hekk kif gia gie stipulate fl-Ewwel Kap tal-Att t'Akkuza, nhar il-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), Josette Camilleri kienet irrikorriet ghand il-*Victim Support Unit* fi hdan il-Korp tal-Pulizija, fejn kienet stqarret, fost affarijiet ohrajn, li bejn Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012) u April tas-sena elfejn u tlettax (2013), kienet giet stuprata diversi drabi minn zewgha Edwin Camilleri, u cioe' li l-istess Edwin Camilleri kien kellu kongungiment karnali maghha, u cioe' penetrazzjoni vaginali u dana minghajr il-kunsens taghha;

Illi, Josette Camilleri stqarret, fost affarijiet ohrajn li, ftit tas-snin qabel, ir-relazzjoni bejna u bejn zewgha Edwin Camilleri kienet bdiet sejra lura u sahansitra kellu relazzjonijiet ohra barra z-zwieg. Stqarret li meta saret taf b'dan kollu, hija kienet affrontatu u qaltlu sabiex jaghmel it-testijiet medici mehtiega minhabba xi mard li seta' kellu minhabba f'dan kollu. Pero', meta semaghha tghid hekk, Edwin Camilleri kien tefa' lill-martu Josette Camilleri fuq il-mejda u ghadda sabiex jippeentraha b'mod vaginali, u cioe' kellu kongungiment karnali maghha, u dana kontra l-volonta' taghha, billi ppenetra l-parti genitali taghha permezz tal-parti genitali tieghu. Josette Camilleri stqarret ukoll li waqt li kien qed ikollu x'jaqsam maghha minghajr il-kunsens taghha, Edwin Camilleri kien sahansitra qallha l-kliem "*Hu l-hmieg ta' zewgek*";

Illi, Josette Camilleri kompliet tistqarr li mill-habta ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), l-akkuzat Edwin Camilleri, diversi drabi, kien jigi lura d-dar mill-break tax-xoghol tieghu, kien jghalaq il-bieb tal-kcina u kien jitfaha fuq il-mejda u jghaddi sabiex jippenetraha b'mod vaginali, u cioe' jkollu kongungiment karnalil maghha, u dana kontra l-volonta' taghha, billi jippenetra l-parti genital taghha permezz tal-parti genitali tieghu;

Illi, dan l-istupru huwa wiehed aggravat ai termini tal-ligi stante li:

- Sar fuq il-persuna tal-konjugi; u
- Sar ripetutatment;

Illi, di piu, permezz ta' sentenza datata t-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-ismijiet: Il-Pulizija vs Edwin Camilleri (per Mag. Dr. Saviour Demicoli LL.D.) kif ukoll permezz ta' sentenza datata l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija vs Edwin amilleri (per Mag,. Dr. A.J. Vella LL.D.), l-akkuzat Edwin Camilleri kien instab hati ta' reat/i kriminali, u ghaldaqstant huwa ukoll recediv ghall-fini u l-effetti kollha tal-Ligi.

Illi, ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Edwin Camilleri, recediv f'delitt, sar hati talli, fis-sena elfejn u sittax (2016) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor (Josette Camilleri) b'dana illi dan l-istupru huwa wiehed aggravat stante li:

- Sar fuq il-persuna tal-konjugi; u
- Sar ripetutatment;

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat Edwin Camilleri rrenda ruhu recidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar il'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi akkuzat Edwin Camilleri, recediv f'delitt, hati talli, fis-sena elfejn u sittax (2016) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin, ikkometta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor (Josette Camilleri) b'dana illi dan l-istupru huwa wiehed aggravat stante li:

- Sar fuq il-persuna tal-konjugi; u
- Sar ripetutatment;

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat Edwin Camilleri rrenda ruhu recidiv.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkuzat Edwin Camilleri, u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn hames (5) sa erbghin (40) sena prigunerija, bil-piena tar-rekluzjoni ghal mhux aktar minn tnax-il perjodu, jew billi jizdiedu pieni ohra stabbiliti fir-regoalmenti tal-habs, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 198, 202(h)(i), 202(j), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet u l-Ahhar Kap ipremetta:

Illi, fil-kuntest tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, u cioe' fis-sena elfejn u sittax (2016) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin, l-akkuzat Edwin Camilleri arresta, zamm jew issekwestra lil Josette Camilleri kontra l-volonta' taghha;

Illi, kif gia espost fil-Kap precedenti ta' dan l-Att t'Akkuza, l-akkuzat Edwin Camilleri, mis-sena 2012-il quddiem, diversi drabi, kien jiehu lil martu Josette Camilleri fil-kcina tad-dar taghhom, kien jaghlaq il-bieb u dana sabiex jipprocedi sabiex jkollu kongungiment karnali mal-vittma kontra l-volonta' taghha, hekk kif gie espost fit-Tieni Kap ta' dan l-Att t'Akkuza. Matul dan l-agir kollu fil-konfront taghha, Josette Camilleri ma setghetx tahrab jew titlaq minn fuq il-post u kienet mizmuma bil-forza kontra r-rieda taghha, u dana sabiex hija tigi mgieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Illi, l-akkuzat Edwin Camilleri ma kellu l-ebda ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u lanqas kellu s-setgha bil-ligi li jarresta, jzomm, jew jissekwstra lil Josette Camilleri kontra l-volonta' taghha;

Illi, dan ir-reat huwa aggravat stante li:

i) Sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghlha taghmel xi haga jew tqoghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta' dik il-persuna; u

ii) Sar fuq il-persuna tal-konjugi;

Illi, di piu, permezz ta' sentenza datata t-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-ismijiet: Il-Pulizija vs Edwin Camilleri (per Mag. Dr. Saviour Demicoli LL.D.) kif ukoll permezz ta' sentenza datata l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet: Il-Pulizija vs Edwin amilleri (per Mag,. Dr. A.J. Vella LL.D.), l-akkuzat Edwin Camilleri kien instab hati ta' reat/i kriminali, u ghaldaqstant huwa ukoll recediv ghall-fini u l-effetti kollha tal-Ligi.

Illi, ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Edwin Camilleri, recediv f'delitt, sar hati talli, fis-sena elfejn u sittax (2016) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin, bla ordni skon t il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra persuna (Josette Camilleri) kontra l-volonta' taghha, b'dana illi dan id-delitt sar fuq il-persuna tal-konjugi kif ukoll sar bhala mezz biex persuna (Josette Camilleri) tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat Edwin Camilleri rrenda ruhu recidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar il'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi akkuzat Edwin Camilleri, recediv f'delitt, hati talli, fis-sena elfejn u sittax (2016) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra persuna (Josette Camilleri) kontra l-volonta' taghha, b'dana illi dan id-delitt sar fuq il-persuna tal-konjugi kif

ukoll sar bhala mezz biex persuna (Josette Camilleri) tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat Edwin Camilleri rrenda ruhu recidiv.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar il'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Edwin Camilleri, recediv f'delitt, hati talli fis-sena elfejn u sittax (2016) u fix-xhur u s-snin ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra persuna (Josette Camilleri) kontra l-volonta' taghha, b'dana illi dan id-delitt sar fuq il-persunua tal-konjugi kif ukoll sar bhala mezz biex persuna (Josette Camilleri) tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Illi, di piu, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat Edwini Camilleri rrenda ruhu recidiv.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Edwin Camilleri u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tlettax (13)-il xahar sa erba' (4) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(g), 87(1)(h), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Semghet ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni.

Rat illi l-akkuzat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri kif del resto kellu kull dritt ai termini tal-ligi. Rat pero' illi nhar is-26 ta' Novembru, 2017 l-Ufficjal Investigattiv Joseph Busuttil ha l-istqarrija tal-akkuzat u din ittiehdet permezz ta' video recording.

Semghet il-provi tad-difiza.

Rat id-dokumenti esebiti fil-process.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Jinghad bla tlaqliq u dan in primis illi din mhux kawza fejn il-Qorti ghandha tezamina min effetivament kellu t-tort biex wassal ghat-tifrik tal-familja Camilleri. Lanqas m'hu kompitu ta' din il-Qorti illi jekk l-akkuzat bil-manjiera kif agixxa meta abbanduna lil martu u wliedu ghal nisa ohra kienx korrett f'dak li ghamel. Din il-Qorti anqas m'hi mitluba u dan ghax mhux fil-kompetenza taghha sabiex tikkummenta dwar jekk Josette Camilleri bil-limitazzjoni taghha rabbitx lil uliedha bl-ahjar mod possibbli. Din il-Qorti lanqas m'ghandha ghalfejn tghaddi l-ebda kumment dwar il-qaghda finanzjarja li kellha l-familja Camilleri meta l-akkuzat iddecieda li jfittex familja ohra. Dawn kollha huma sottomissjonijiet li din il-Qorti m'ghandiex kompetenza taghhom.

Illi din il-Qorti ghalhekk hija mitluba biss tara jekk il-provi mressqa mil-prosekuzzjoni u dan fuq bazi ta' certezza morali jwasslux ghal htija tal-akkuzat fir-rigward tat-tlett Kapi tal-Akkuzi. Jigi mfakkar sa minn dan l-istadju preliminari illi l-akkuzat m'ghandu jipprova xejn u dan ghaliex il-ligi stress tipprezumi li hu nnocenti, izda hija l-prosekuzzjoni li bil-provi taghha trid tipprova li l-akkuzat hu hati ta' tlett Kapi tal-akkuzi jew ta' whud minnhom.

Illi dan hu kaz fejn id-difiza qed tikkontesta l-kwistjoni ta' kredibilta' li ghandha tinghata principalment lix-xhieda ta' Josette Camilleri u bintha Roberta u dan ghaliex mill-provi prodotti d-difiza hi tal-fehma illi m'humiex attendibbli u kredibbli f'dak li qalu u dan ghaliex jaghtu verzjonijiet differenti tul il-medda taz-zmien u f'okkazzjonijiet differenti. Il-prosekuzzjoni min-naha l-ohra thoss li din ix-xhieda

ewlenija taghha u cioe' dik moghtija minn Josette Camilleri u Roberta Camilleri hi konsistenti, ghandha mis-sewwa u ghandha tigi emnuta. Abbazi tal-istess ghalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex issib htija fil-konfront tal-akkuzat. M'hemmx dubbju illi l-akkuzat cahad l-allegazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dan kemm fi stadju ta' investigazzjoni waqt l-istqarrija rilaxxjata minnu kif ukoll meta sar l-ezami nhar is-17 t'April 2018 u kif ukoll quddiem din il-Qorti nhar il-5 t' Ottubru, 2021, wara li giet moqrija lilu l-Att t' Akkuza odjerna.

Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-akkuzat li gie investigat a tempo vergine tal-investigazzjoni baqa' konsistenti fic-cahda tieghu sal-mument li giet moqrija lilu l-Att tal-Akkuza.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibbilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa minnu, illi f'kaz li jibqa' dubju f'mohh il-gudikant stante iz-zewg verzjonijiet konfliggenti ghandha tillibera, tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[1]:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997.

U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Joseph Thorne</u>**[2]**<u>:-</u>**

> *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3]

Jigi imfakkar li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*[4]

Jinghad ukoll illi huwa principju generali kif dispost fl-Artikolu 638(1) *"li bhala regola ghandu jitqies li jingieb il-prova l-iktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u ma jithalla barra ebda xhud illi x-xhieda tieghu tkun important."* Illi minkejja dan il-principju pero' l-investigazzjoni odjerna ma kienitx wahda kompluta u manifestament jidher illi thallew barra xhieda importanti li setghu jikkollaboraw l-allegati vittmi f'dan il-kaz. Dan qed jinghad b'mod partikolari ghar-rapprezentanza tas-socjeta' Arriva biex jikkonferma l-hinijiet tax-shifts li kellu l-akkuzat tul il-perjodu li hu hadem maghhom, kif ukoll rapprezentant tal-Oracle Casino sabiex jikkonferma l-hinijiet tax-xoghol ta' mart l-akkuzat Josette Camilleri.

Dwar il-livell ta' prova li ghandha tressaq il-prosekuzzjoni, din trid tkun sal-grad tac-certezza morali u huwa f'kaz biss li d-difiza tiddeciedi li tipprova xi fatt jew tiddiskredita xi fatt li l-livell ta' prova taghha huwa sa grad inqas u cioe' abbazi tal-

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003
[3] Ara wkoll Appell Kriminali The Police v. Graham Charles Ducker, 19 ta' Mejju 1957
[4] Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890

probbabilita'. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[5], fejn il-Qorti fakkret *"li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni."*

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[6] - tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[7] fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997
[6] 1974 - ALL Er 372
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002

verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Il-gudikant li jkun se jiddeciedi ghandu jaghzel is-sikrana mill-qamh. Kif se jaghmel dan? Il-gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.

F'decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[8] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> *Din il- Qorti kellha okkazzjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' da l-ambjenti dak jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmati u – ma rat xejn "nevrasteni u" jew isteri u fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi għar bejn ix-xhieda ta' John onello u din tal-avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "zgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il- kaz u jfakru lil xulxin x'gara dak inhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizzejjed biex ma "jikkorregux il-verz jonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazzjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmati u huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 2007

Il-principju li *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux"* huwa daqstant important (ara **Pulizija vs Joseph Thorne**[9] u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et**[10] fost diversi ohrajn).

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"..id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiggudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u tac -c irkostanzi kollha tal- kaz.*

Illi inoltre, kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Ganni Attard:-**[11]

> *"Biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss zewg xhieda, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti."*

Meta l-Qorti tigi biex tqis dan l-Artikolu tal-ligi biex hija taghmel apprezzament tax-xhud, hija ghandha tiehu qis il-komportament tax-xhud "demeanor", il-kondotta u l-karattru tal-istess xhud. Meta l-ligi titkellem dwar il-komportament tieghu, il-Qorti trid taghmel ezami kif l-istess xhud ikun gab ruhhu waqt il-varji depozizzjonijiet

[9] Op cit
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ottubru, 2006
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fidl-21 ta' Mejju 1955

tieghu u cioe' trid l-ewwel tqis kull xhieda li tkun inghatat *viva voce* quddiemha, pero f'kaz li l-istess xhud ikun ta depozizzjoni antecidenti u x-xhud jigi kkonfrontat biha, il-Qorti jkollha tqis ukoll dik it-testimonjanza limitatament ghal dik il-parti fejn sar il-konfront.

Ghalhekk, f'dan il-kaz meta l-Qorti ser tapprezza x-xhieda, taz-zewg xhieda principali u cioe' Josette u Roberta Marie Camilleri, hija sejra tqis dak li huma qalu antecedentament u gie moqri lilhom waqt li huma ddeponew quddiem l-istess Qorti. Meta l-ligi titkellem dwar il-kondotta tax-xhud ma tfissirx li l-Qorti ghandha taghti qies il-fedina penali tax-xhud izda ghandha taghti kaz u tistharreg il-manjiera ta' kif ix-xhud gab ruhhu mal-Qorti u cioe' jekk kienx konsistenti, attendibbli, reluttanti jew a dirittura konfuzjonarju. Bil-kelma 'karattru' l-ligi tfisser mhux jekk il-Qorti ghandhiex simpatija jew le max-xhud li jkun qed jiddeponi izda kif il-persuna tramite l-personalita' taghha, il-lingwagg uzat minnha, spjegat ruhha dwar l-akkadut meta kienet fuq il-pedana tax-xhieda.

Din l-istess dispozizzjoni tal-ligi titkellem ukoll dwar l-obbligu li ghandha l-Qorti sabiex tivverifika jekk *'ix-xhieda ghandiex mis-sewwa, jew jekk hix konsistenzi, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.'* B'dan ghalhekk il-legislatur ried illi l-Qorti ma tistax taghmel apprezzament tax-xhud f'izolament izda trid tpoggiha fi kwadru flimkien ma provi ohra li jolqtu l-istess xhud u ghalhekk il-Qorti trid tara jekk ix-xhud li ddepona kellux interess f'dak li qal, jekk ix-xhieda mghotija minnu tirriflettix ic-cirkustanzi tal-kaz jew jekk kienx hemm xi raguni ulterjuri sottostanti.

Dan qed jinghad ghaliex l-ewwel impressjonijiet li l-Qorti tiehu jistghu jkunu differenti minn dawk l-istess impressjonijiet li jigu ezaminati f'aktar dettall waqt l-iskrutinju li din il-Qorti tkun ser taghmel tax-xhieda prodotta. Jista' jaghti l-kaz illi xhud wiehed ikun aktar kapaci jesprimi ruhhu minn xhud iehor. Li xhud ikun aktar herqan biex jixhed minn haddiehor. Li xhud ikun ihobb jirrepeti dak li jixtieq jghid waqt li jevadi domandi li jigu mposti lilu. Hemm certu xhieda li jhawwdu certu fatti

jew dati minhabba li jkunu nesew genwinament jew adirittura ghax ikunu jridu jahbu certu dettalji jew ghaliex ikunu qed jigdbu u konsegwentament ma jkunux kapaci li jkunu konsistenti. Huwa ghalhekk illi l-ezercizzju ta' apprezzament ta' xhud tirrikjedi certu hila u li dan ghandu jsir b'certu dettall, b'kawtela kbira u dan sabiex il-Qorti tkun f'pozizzjoni li tohrog il-verita' minn dak ix-xhud. Hija l-ligi stess li tghid illi min ghandu jiggudika ghandu wkoll jiehu qis ta' kull cirkustanza ohra u b'dan ghalhekk, il-legislatur ried li l-gudikant jara jekk hemmx kollaborazzjoni f'dak li qed jigi rrapurtat li mhux necessarjament jekwevali ghal repetizzjoni. Ghalhekk sabiex tivverifika l-konsistenza ta' xhud huwa ghaqli li jinqara lilu x-xhieda ta' testimonjanza li jkun ta antecedentament sabiex tara jekk tali xhieda tigix ikkonfermata, kollaborata jew a dirittura kontradetta. Trid tara jekk il-fatti jibqghux l-istess u trid tara jekk ix-xhud hux kreddibli f'dak li qal meta rrelata dak li jkun ghadda minnu. Huwa mportanti f'dan l-istadju li jigi relevat illi legislatur ma jippretendix illi xhud jirrepeti b'mod pappagalesk dak li jkun qal izda huwa ta' mportanza kardinali illi s-sustanza ta' dik ix-xhieda ma tinbidilx.

Hu daqstant importanti li l-Qorti tirrileva ghal fini ta' kredibbilta' dak li jiddisponi Artikolu 638(2) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

> *'B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku lfatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.'*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**,[12] il-Qorti irriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min*

[12] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013.

*ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Artikolu tal-ligi li din il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghalih hu appuntu dak ta' 633(1) ta' Kap 9 li jirreferi ghal interess ta' xhud, u cioe' s-segwenti:

*'Ebda eċċezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tingħata minħabba li hu jkun il-parti li għamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proċeduri, inkella minħabba li x-xhud ikun jiġi mid-demm jew imħallat bi żwieġ, jew minħabba li jkollu kuntratt, impieg, jew interess ieħor mal-parti hawn fuq imsemmija, jew mal-imputat jew akkużat; imma f'kull każ bħal dan, ix-xhud jiġi mismugħ, u min għandu jiġġudika l-fatti, meta jkun għal kollox persważ u konvint li x-xiehda hija vera, għandu jipproċedi fuq dik ix-xiehda bl-istess mod sħiħ u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti ġew ippruvati minn persuna barranija jew minn wieħed li m'għandu xejn x'jaqsam kif jingħad hawn fuq.'*

Ghalhekk, dak li stqarrew mart l-akkuzat Josette Camilleri u bintu Roberta Marie Camilleri, huma xhieda ammissibli u l-partijiet ma jistghu jaghmlu l-ebda eccezzjoni kontra l-kompetenza taghhom, b'dan pero' ma jfissirx illi tali xhieda ma jghaddux mill-gharbiel li din il-Qorti trid taghmel dwar il-kreddibilta' o meno taghhom.

Ghalhekk mhux il-kwantita' tax-xhieda li l-Qorti tqis li hu mportanti ghal prova tal-fatt jew tal-oggett izda l-kwalita' ta' dak li ntqal mix-xhud. Jaf jinghad ukoll f'dan ir-rigward illi xhud jista' jigi emmnut fit-totalita' tieghu kif ukoll in parte. Jigi ccarat ukoll, illi xhud jista' ma jigi emmnut xejn.

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati

flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Din il-Qorti kellha l-fortuna li tara x-xhieda fuq il-pedana tax-xhieda jixhdu u ghalhekk setghet taghmel l-apprezzament taghha dwar l-imgieba u komportament taghhom ta' kif wiegbu ghal certu domandi, l-interess li setgha kellhom f'dan l-istadju tal-proceduri, il-konsistenza f'dak li qalu u jekk zammew l-istess verzjoni tal-fatti. Naturalment din il-Qorti qiset ukoll fejn kien hemm varjanza fix-xhieda taghhom bejn dak li stqarrew *viva voce* il-Qorti u dak li qalu fi qrati ohrajn meta gew kkonfrontati bix-xhieda taghhom. Setghet tinnota wkoll jekk il-varjanza li kien hemm kienitx wahda negligibbli jew wahda li taffetwa s-sustanza tax-xhieda.

Il-Qorti semghet lill-ufficjal investigattiv u prosekutur l-Ispettur **Joseph Busuttil** fejn xehed illi dak iz-zmien kien stazzjonat il-Vice Squad u ghadu hemm sa llum. Kien ircieva rapport minghand l-Ispettur Sylvana Gafa' dwar Josette Camilleri u bintha Roberta Marie Camilleri. L-Ispettur jispjega illi Josette Camilleri kienet ghamlet kuntatt mal-Victims' Support Unit minhabba l-imgieba tat-tifla Roberta nhar il-5 ta' Settembru, 2017. L-Ispettur Gafa' kienet qaltlu illi waqt li kienet qed titkellem mal-minuri Roberta Camilleri hareg illi kien hemm kaz ta' abbuz fil-konfront taghha minn missierha Edwin Camilleri u insegwitu kien kellem lil Roberta Marie Camilleri fil-prezenza t'ommha sabiex jivverifika dan ir-rapport. Prima facie nduna li kien hemm kaz ta' marital rape ikkagunat fuq il-persuna ta' Josette Camilleri u ta' *sexual behaviour* mal-minuri Roberta Marie Camilleri. Roberta kienet qaltlu li meta kellha bejn tnax u tlettax -il sena, ommha kienet tahdem il-Casino Oracle tal-Qawra bhala 'cleaner' u kienet iddum sa xi tlieta ta' filghodu. Hi spjegatlu li kienet tmur torqod fejn missierha regolarment fis-sodda matrimonjali. Spjegatlu li darba ommha dahlet mix-xoghol, fis-sieghat bikrin ta' filghodu u bdiet tghajjat ma missierha waqt li hi

kienet rieqda magenbu. Ikkonfermat illi dak il-hin kienet rieqda pero' semghet lil ommha tallega li missierha, li kien rieqed magenbha, kellu l-parti tieghu '*imqajma*'.

Irrakontatlu wkoll dwar incident iehor li allegatament sehh il-gimgha ta' wara, wkoll meta kienet rieqda magenbu u hassitu jmissilha spallejha, u idu minn taht il-flokk imxiet ghal fuq sidirha u bl-id l-ohra beda jmissilha l-parti taghha. Bdiet timbuttah b'saqajha, izda hu waqaf biss meta sema l-bieb jinghalaq u cioe' meta waslet ommha mix-xoghol. Dawn l-incidenti allegatament hargu l-ewwel darba meta l-Ispettur Sylvana Gafa' tkellmet maghha. Talabha jekk kienitx ser tbiddel il-verzjoni taghha, izda insistit li dik kienet il-verita'.

Mistoqsi jekk hu tkellimx ma Josette Camilleri jghid illi le u dan minkejja li stqarr li Roberta qaltlu li ommha kienet vittma ta' marital rape u dan abbazi tal-premess li ma xtqax li jkun hemm *secondary victimization*. Huwa baghat ghall-akkuzat u dan irrilaxja stqarrija nhar is-26 ta' Novembru, 2017, wara li inghata d-drittijiet tieghu skond il-ligi u kien tkellem mal-avukat Dr. Peter Fenech. Kien saqsih qabel l-interrogazzjoni jekk qattx kellu x'jaqsam mal-mara tieghu meta hi ma riditx u hu allegatament kien qallu 'ghandi dritt ghax dik il-mara tieghi u kienet iddum ma thallini jkolli x'naqsam maghha'. Mistoqsi meta sar dan id-diskors jghid illi kien f'xi hin qabel marru fl-*interrogation room* u jista' jkun li sar fl-ufficju tieghu jew waqt li kienu fl-interrogation room qed jistennew li jillowdjaw is-CD's fis-sistema tar-*recording*. Spjega wkoll illi dawn il-kliem setghu ntqalu mill-akkuzat meta tela' mill-lock up u kien ghadu kif hareg mill-lift u mixi fil-kuritur. Jghid ukoll illi hu hass illi din il-materja kienet important u ghalhekk kien ha n-notament taghha.

Waqt l-interrogazzjoni mbghad beda jdur ma' l-istess mistoqsija ghalkemm ma kkonfrontahx b'dak li kien allegatament qal ex admissis. Lanqas ma jirrizulta li waqt l-istqarrija ma l-Ispettur wrieh dak li kien kiteb fir-rigward ta' dak li kien qal qabel.

Ix-xhud jghid illi fir-rigward tal-allegazzjoni ta' abbuz sesswali fuq it-tifla minnu, hu baqa' jinnega u wiegeb "li trid tkun hanzir biex ikollok x'taqsam ma' tifla ta' tnax-il sena, iktar u iktar meta tkun bintek".

Huwa hareg l-akkuza ta' arrest illegali ghaliex fil-fhema tieghu, meta Josette Camilleri allegat lill-Ispettur Sylvana Gafa' li zewgha l-akkuzat stupraha, fehem illi l-allegata vittma ma setghetx titlaq 'l hemm liberalment. Mistoqsi kienx ghamel xi verifiki ma' tal-Arriva biex jara fil-hinijiet tal-brejk kienx ilahhaq imur id-dar u jkollu x'jaqsam mal-mara, minhabba l-allegazzjoni li saret kemm minn mart l-akkuzat, kif ukoll minn bintu Roberta illi l-atti sesswali kienu jsehhu waqt il-*break time* tieghu, hu jghid li ma vverifikax. Hu lanqas m'ghamel verifiki li fil-hin tal-break tal-akkuzat, kienx l-istess hin li martu tkun id-dar u ma tkunx qed tahdem il-Casino.

Jghid fuq mistoqsija imposta lilu li Inkjesta Magisterjali ma saritx, hu wiegeb illi din bhala procedura ssir biss meta ikun hemm xi haga x'tippreserva u f'dan il-kaz ma kien hemm xejn x'tipprezerva, salv l-allegazzjoni tal-vittmi stante li dawn l-allegati incidenti gew irraportati snin wara. Mistoqsi jekk l-akkuzat inghatax *disclosure*, hu qal li bhala disclosure kellu d-dikjarazzjoni li giet mehuda mill-Ispettur Sylvana Gafa' ta' Roberta Camilleri u din giet moqrija kollha lilu. Jinghad pero' illi tali dikjarazzjoni ma gietx ipprezentata fl-atti u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tivverifika jekk id-disclosure li nghatat lilu kienitx wahda kompluta jew le.

Mistoqsi ekk inghatax disclosure dwar dak li qalet martu dwaru, jghid li bil-miktub ma kellu xejn f'idejh u dak li kienet stqarret martu kien gie rrapurtat lill-Ispettur Sylvana Gafa' antecedentament, u ghalhekk ma tah l-ebda disclosure fir-rigward tal-mara. Mistoqsi jekk kienx jaf li s-separazzjoni ta' bejn l-akkuzat u martu kienitx vocifera, jghid li sar jaf dan waqt il-mori tal-kumpilazzjoni. Mistoqsi ghaliex l-akkuzat qal ghaliex martu riedet titfghu gewwa, jghid li ma kienx kapaci jaghti risposta. Mistoqsi jekk iccekjax jekk Josette Camilleri ghamlitx rapport kriminali fuq dawn l-allegati reati, hu jghid li ma jafx li saru ghalkemm kien hemm diversi

rapporti u cioe' dsatax-il rapport li ghamlet Josette Camilleri fil-konfront ta' zewgha l-akkuzat li jindikaw li kien hemm piki kbar bejniethom.

Ikkonferma pero' li rapport dwar abbuz sesswali qatt ma gie pprezentat f'xi ghassa tal-pulizija. Hu pprezenta dsatax -il okkorenza li gew immarkati bhala Dok. JB1 sa JB19. Hu ghamel referenza wkoll ghad-dokumenti esebiti minnu partikolarment ghac-certifikat taz-zwieg tal-akkuzat ma martu Josette Camilleri, certifikat tat-twelid tal-minuri Roberta Marie u zewg sentenzi kriminali, illum *res judicata* u fil-mori ta' dawn il-proceduri pprezenta wkoll fedina penali tal-akkuzat. Mistoqsi jekk il-persuna ta' Godwin Gauci qattx issemma, hu jghid li ismijiet ta' irgiel adulti ma ssemmewx. Ikkonferma li hu l-akkuzi harighom abbazi ta' dak li hareg mill-investigazzjoni, b'mod partikolari dak li qalu l-allegati vittmi u cioe' mart l-akkuzat Josette Camilleri lil Sylvana Gafa' u dak li qalet bintu minuri Roberta Marie Camilleri lilu, kif ukoll lill-Ispettur Gafa'.

Semghet lill**-Ispettur Sylvana Gafa'** tghid li hi kienet stazzjonata mal-*Victims' Support Unit* fi hdan il-Korp tal-Pulizija u kienet ghadha hemm stazzjonata. Kienet irceviet telefonata minghand Josette Camilleri fejn din qalet li xtaqet tkellimhom fuq il-*behaviour* tat-tifla taghha Roberta Marie Camilleri. In segwitu, u cioe' nhar il-5 ta' Settembru, 2017, hija tkellmet ma' Josette fejn kienet koncernata fuq il-*behaviour* tat-tifla, wara li kienet rat diversi *chat logs* taghha u rrizultalha li kienet qed titkellem ma rgiel adulti u cioe' ikbar minnha. Din Josette Camilleri qaltilha li kienet qed issibha difficli hafna li tikkomunika ma bintha u nfatti kienet saret confrontational u aggressiva fil-konfront taghha. Iddeskreviet ir-relazzjoni ta' bintha ma missierha ma kienitx wahda tajba u peress li hija kellha l-kura u l-kustodja taghha, hasset il-htiega li titlob l-ghajnuna taghha.

Qaltilha li kienet ilha ghaddeja bil-proceduri ta' separazzjoni ghal sentejn u spjegat li Roberta thoss in-nuqqas ta' missierha. Spjegatilha li l-akkuzat abbandunahom u li diga' kellu familja ohra. Hi kienet qaltilha li kienet ghaddiet minn *sexual abuse* mir-ragel taghha u dan kien isir b'mod frekwenti u cioe' li kien ikollu x'jaqsam maghha

kontra r-rieda taghha. Qaltilha li kienet taf li kien jara nisa ohra u li darba minnhom anke wlieda kienu rawh maghha. Spjegatilha l-incident fejn ir-ragel taghha kien rieqed fis-sodda mat-tifla u kellu l-parti tieghu 'imqajma' u dak il-hin stess qabdet tillatika mieghu. Qaltilha meta kkonfrontatu li ma kien fiha xejn hazin b'daqshekk. Saqsitha ghaliex bintha torqod ma missierha fis-sodda matrimonjali taghhom u din qaltliha li kienet taghmel hekk meta hija kienet tkun xoghol ta' bil-lejl. Dakinhar li rat lil zewgha bil-parti tieghu 'imqajma' qaltilha li baghtet lit-tifla torqod gol-kamra taghha.

Meta hija staqsiet lil Josette Camilleri jekk riditx tirraporta l-abbuz fuq persuntha, hija wiegbet fl-affermattiv u minn hemmhekk ghaddiet biex tkellem lil Roberta. Tkellmet ma Roberta wahedha, kienet rezistenti hafna imma mal-hin bdiet tiftah. Hi kienet qaltilha li giet ghax gabitha ommha minhabba l-*behaviour* taghha u c-chats li kien qed ikollha ma rgiel ikbar minnha. Kellha hafna rabja go fiha u qaltilha li missierha abbandunhom u li hija spiccat tghix m'ommha u ohtha *disabled*. Kellha rabja kbira u li l-piz ta' trobbija taghhom waqa' fuq ommha. Spjegatilha illi meta missierha kien ghadu d-dar, ommha u hu kienu jargumentaw hafna, b'mod partikolari minhabba l-fatt li ommha kienet tallega li missierha kien ikollu diversi nisa differenti. Qaltilha li tiftakar lil missierha kien imur id-d-dar waqt il-brejk tax-xoghol u jinsisti li jkollu x'jaqsam ma' ommha u hi kienet tismaghha tghid li ma kienitx tkun trid. Semmitilha ukoll l-istanza li kienet rieqda magenb missierha u ommha rritornat mix-xoghol u sabet lil missierha allegatament b'erezzjoni, ghalkemm hi tghid li ma rat xejn u kien biss il-konversazzjoni ta' bejniethom li semghet.

Dak il-hin tiftakar li t-tifla bdiet tibki u hija hasset li t-tifla kellha tghidilha xi haga ohra. Ftit wara spjegatilha incident iehor. Qaltilha illi gurnata minnhom meta hija kienet rieqda ma missierha ghal habta tat-tlieta ta' filghodu, missierha dahhal idu taht il-flokk, missilha sidirha u in segwitu dahhal idu wkoll taht il-panty sabiex imissilha l-parti taghha. Qaltilha li dak il-hin ma qaltlu xejn izda bdiet taghti bis-sieq

biex jersaq u hu ma waqafx. X'hin sema' l-bieb u cioe' meta waslet ommha, waqaf. Ommha dahlet fil-kamra u sabitha mqajma u qaltilha li ma setghetx torqod.

Hi ma riditix tghid lil ommha dwar l-akkadut ghaliex fil-fehma taghha ommha kellha bizejjed fuq il-platt taghha. Ix-xhud tispjega illi hija hadet dikjarazzjoni tat-tifla u kitbet dak kollu li qaltilha t-tifla. Tghid li rat lil missierha diversi drabi gharwien minkejja li ommha kienet tinsisti ma missierha biex dan ibiddel fil-kamra tal-banju. Mistoqsija jekk tafx min hu Godwin Gauci, tghid li sa fejn taf hi Roberta kienet tahdem mieghu u kienet semghet li kien il-boyfriend taghha. Mhix certa jekk hux Josette jew Roberta li qaltilha dan. Mistoqsija jekk kellmitux, twiegeb fin-negattiv. Mistoqsija jekk ratx ic-chats, hi tghid li ma rathomx. Mistoqsija jekk hux minnu li qalet lil Josette li t-tifla taghha ghaddiet minn xi abbuz minhabba li kienet qed tirraporta dawn il-behaviour problems tghid li mhux minnu qaltilha dan. L-Ispettur tichad li hi filfatt laqghata b'din id-dikjarazzjoni ghalkemm mill-esperjenza taghha tghid illi dan l-agir jista' jigi stimulat minhabba certu abbuz. Mistoqsija ghaliex it-tifla ma riditx taf iktar u ma riditx titkellem fuq ic-chats maghha tghid li Roberta qaltilha li tibza minn missierha. Ikkonfermat illi Roberta bdiet twiegeb b'mod reluttanti hafna.

In kontro-ezami, tikkonferma illi Josette kienet tkellmet maghha fuq it-telefon u qaltilha sabiex tmur tkellimha flimkien ma bintha u filfatt tghid li jkollhom hafna minn dan it-tip ta' kazijiet. Ikkonfermat illi l-point of entry tar-rapport kien ghax Josette qaltilha li kien qed ikollha hafna clashes mat-tifla taghha Roberta minhabba chats li kellha ma rgiel adulti. Mistoqsija jekk qatt ratx ic-chats, hi tghid illi le. Mistoqija jekk investigatx dawn ic-chats, ukoll twiegeb fin-negattiv u tghid illi xogholha ma kienx biex tinvestiga r-rapport, izda biex taghti support u assistenza lill-allegati vittmi. Hi ghaddiet dan ir-rapport lill-Ispettur Joseph Busuttil ghal iktar investigazzjoni.

Mistoqsija kienitx Josette li telqet lir-ragel jew vici versa, hi qalet li ma tafx. Mistoqsija meta bdiet is-separazzjoni taghhom ukoll tghid li ma tafx. Mistoqsija jekk

f'xi hin Josette qaltilha li kienet informat lil bintha li ma kellhiex torqod ma missierha wara dak l-incident meta ratu bil-parti tieghu eretta tghid illi lil bintha ma kienet qaltilha xejn dwar dak li kienet rat pero' tikkonferma illi Josette qaltilha li kien dak l-incident li wassalha biex tibda s-separazzjoni. Tghid ukoll li mhux minnu li Josette Camilleri qaltilha biex ma tkellimhiex fuq ic-chats izda taf li qaltilha biex ma turix lil Roberta li ommha kienet taf dwar dawn ic-chats. Li taf zgur li Roberta xejn ma hadet pjacir li ser tirraporta l-kaz u minn dakinhar ma riditx tkellimha izjed. Ippruvat terga tkellimha, anke tramite l-omm izda Roberta ma riditx taf.

Ix-xhud ikkonfermat ukoll illi l-akkuzat mhux bniedem vjolenti u li qatt ma refa' jdejh fuq martu jew bintu u li m'huwiex persuna aggressiva. Mistoqsija jekk irrizultalhiex li l-akkuzat cahad l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu, tghid illi ma baqghetx issegwi l-kaz u fil-fat x'irrizulta mill-investigazzjoni, ma tafx.

Mistoqsija jekk Roberta semmitilhiex il-persuna ta' Godwin Gauci jew ismijiet ta' rgiel ohra, tghid li le. Roberta fl-ebda hin ma semmiet ismijiet ta' rgiel. Mistoqsija jekk kellmitx lil Roberta fuq Godwin Gauci tghid illi ma tiftakarx.

Semghet lil **PC 1425 Adrian Ciappara** jghid li kien ghadu stazzjonat il-vice squad u li kien prezenti ghall-istqarrija ta' Edwin Camilleri li gharaf prezenti fl-awla bhala l-akkuzat. Ikkonferma li l-istatement ittiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u Camilleri kien ha l-parir ta' Dr. Peter Fenech qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tieghu. Gharaf il-kitba tal-Ispettur Joseph Busuttil fuq is-CD esebita a fol sitta tal-process.

**Godwin Gauci** prodott mill-prosekuzzjoni xehed illi ilu jaf lil Roberta Camilleri, bint l-akkuzat tlett snin u nofs u ltaqa' maghha Hal Far. Darba minnhom kien tella' post fuq facebook fuq karozza armata u kienet marret taraha u minn dakinhar saru hbieb. Hu qal li kien jaf li tmur skola Rahal Gdid u wara MCAST tistudja mechanics u ghamlet xi zmien apprentistat mieghu. Jghid li kienet ommha li kienet twassalha ghax-xoghol u li kellu relazzjoni tajba maghha tant li spicca jirranga il-karozza taghha u jsellifa l-flus f'ammonti zghar. Gieli anke taha xi flus bhala rigal ghall-

Milied. Stqarr ukoll li xtara karozza tal-ghamla Hyundai Accent tas-sena 2005 u rregistraha f'isem Roberta. Din il-vettura kellha xeba hsarat fil-magna u Roberta stess bdiet tirrangaha. Hi qed thallsu wkoll l-ammont li kien hareg tal-karozza. Darba kien kellem lil Edwin Camilleri fejn il-garage tieghu pero' fejn accerta ruhu li ma kellux oggezzjoni li bintu tahdem mieghu. Darba ohra l-akkuzat kien cempillu biex ikellem lil Roberta izda kien qallu li ma kienitx ghadha waslet. Ftit wara cemplilha u kellimha, pero x'qalu bejniethom ma jafx ghax hu hareg mill-garaxx.

Ikkonferma li n-numru cellulari tieghu hu 77496085 u hu rregistrat mal-Melita. Jghid li ftit wara dan l-incident kien ircieva karta ghall-Qorti u qaltlu li hi missierha mhux suppost ikellimha. Mistoqsi ghandux Facebook, hu wiegeb li ghandu u li anke Roberta ghandha u gieli tkellmu fuqu, fuq karozzi izda mhux fuq intimita. Jghid li darba minnhom kien hemm xi hadd li taha fastidju u ghalhekk xtaqet ittella ritratt mieghu fuq Facebook biex tkecci lil persuna l-ohra u hu ma kellux oggezzjoni ghal dan. Mistoqsi jekk jafx x'gara wara din il-post, hu qal li ma jafx. Ikkonferma li fuq Facebook hu ghandu hamsin habib u n-numru tal-karta ta' l-identita' hija 372871M.

Semghet lil **Rita Galea,** tghid li hija oht l-akkuzat Edwin Camilleri. Spjegat li ghandhom relazzjoni tajba flimkien ta' ahwa. Sa fejn taf hi kellu zwieg felici anke siefru u kienu johrogu flimkien bhala familji. Hi kellha relazzjoni tajba hafna mal-mara ta' Edwin, sahansitra kienu hobza u sikkina. Xi disa' snin ilu izda nfirdu. Josette kienet allegat maghha li kien qed imiss it-tifla taghha Marilena ghax din kienet tkun mieghu fuq tal-linja. Hi kkonfrontat lit-tifla taghha u t-tifla accertata li dan ma kienx minnu. Ix-xhud ippruvat iccempel lil Josette darbtejn biex tghidilha li ma kienx minnu izda hi ma wegbithix. Minn dakinhar ma regghetx kellmitha.

Tikkonferma illi lil Edwin lanqas biss kienet qaltlu dwar din l-allegazzjoni biex ma ssahhanx il-qiegha. Lil-ohtha Rose kienet qaltilha Josette li trid tara x'taghmel biex twahhlu l-habs u din kienet f'halqha. Din qatt ma qalitha qabel lanqas quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex ma tkomplix tkabbar il-problema. Xehdet ukoll illi ghalihom kien kollox ward u zahar izda ma kienx, meta kienu johorgu flimkien ma

kienux jitkellmu fuq il-problemi. Stqarret li n-numru cellulari taghha huwa 99895029 u kien ilu ghandha ghal madwar 20 sena u qatt ma biddlitu. Tikkonferma li huha fis-sena 2012 kien jahdem mal-Arriva u taf li kellu xi shifts. Tikkonferma illi huha jghix m'ommu u ghadu hekk sal-lum. Mistoqsija jekk qattx intaqghet man-neputijiet wara s-separazzjoni ta' huha, hi xehdet li waqt il-funeral ta huha, ltaqghet ma' Roberta u meta marret tkellimha din bdiet tghajjat maghha.

Semghet lil **Dr. Steven Farrugia Sacco** espert nominat mill-Qorti dwar it-telefonija u dan ikkonferma illi kien gie appuntat bhala espert nhar it-23 ta' Mejju 2018 sabiex isir call profile tal-mobile phone tal-akkuzat li huwa 77421095 fil-jum tal-11 ta' Gunju 2018 sabiex jara fuq min hu registrat dan in-numru u numru iehor u cioe' 77496085. Huwa pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok SFS u minn ezami tal-istess jirrizulta li n-numru 77946085 huwa registrat f'isem Godwin Gauci filwaqt li in-numru 77421095 huwa registrat f'isem Rita Galea.

**Joseph Saliba** rapprezentant ta' Jobplus u muri dokument Dok JS1 a fol 202/203 tal-atti u jghid li din hi l-*job history* tal-akkuzat u kkonferma li Edwin Camilleri hadem mal-Arriva mill-4 t' Ottubru, 2011 sat-8 ta' Settembru 2013.

**Emerson Abela** ukoll xehed u stqarr li hu kien jahdem bhala HR co-ordinator mal-Malta Public Transport u xi sentejn u nofs ilu kien waqaf minn dan l-impjieg u ghalhekk ma kellux dettalji x'jaghti. Mistoqsi jekk jafx x'shifts kellu Edwin Camilleri fuq ix-xoghol, jghid li ma jafx pero' ikkonferma illi bejn l-4 t' Ottubru 2011 sas-6 ta' Settembru 2013 l-akkuzat kien jahdem mal-Malta Public Transport.

Semghet lill-allegata vittma mart l-akkuzat, **Josette Camilleri** tghid li toqghod in-Naxxar u ghandha zewgt itfal. Il-problemi mar-ragel taghha bdew meta f' Dicembru 2003 kellha lit-tifla zghira Rosalina li ghandha *special needs,* b'*celebral palsey*. F'2011 il-problemi komplew jikbru meta r-ragel taghha beda jahdem mall-Arriva u jiffrekwenta mara ohra.

F'2012 gab l-ittra tas-separazzjoni u f' Lulju telghu medjazzjoni u hu telaq mid-dar. Kienet iccempillu biex jifthemu fuq it-tfal u kien jghidilha "*mur itfahom ghand ommi*". Dik is-sena stess Roberta kienet qed thoss in-nuqqas tieghu u fil-15 t' Awissu 2012 meta kien il-*birthday* taghha, talbet lil ommha tghamlilha BBQ u hi kkuntentatha. Josette tghid illi kienet qalet lir-ragel sabiex ikun prezenti ghaliex Roberta xtaqitu jigi. Pero, irrizulta li tfacca biss fl-ahhar tal-okkazjoni. Wara, x'hin it-tfal raqdu, hi u zewgha qadu jitkellmu u hu talabha taccettah lura d-dar u hi qaltlu li kienet lesta li taccettah purche ma jibqax jiltaqa' ma dik il-mara u jaghmel it-testijiet medici sabiex taccerta ruhha li ma kienx laqqghat xi marda.

Dakinhar tghid li kien tefaha fuq il-mejda tal-kcina u ghamel l-att taz-zwieg maghha u qalilha l-kliem '*hu l-hmieg ta' zewgek*'. Wara dan l-incident, hu beda jmur aktar spiss u wera x-xewqa li jaghmel it-testijiet, u ghamluhom flimkien fil-GU clinic ta' Mater Dei. F'Settembru 2012, hu mar lura d-dar jghix maghhom u tghid li kien minn hemm li beda l-'*kalvarju*' taghha. Spjegat li kienet saret skjava tieghu sesswalment u tiddiskrivi kif kien jagixxi maghha fil-hinijiet tal-*break* tieghu meta kien imur id-dar u jinsisti li jkollu x'jaqsam maghha qabel jaslu t-tfal mill-iskola. Tghid li kien jitfaghha fuq il-mejda, jnezzalha l-qalziet ta' taht u jaghmel l-att taz-zwieg maghha minkejja li hi ma kienitx tkun trid. Kien jaqbad u jizbarazza l-mejda u jressaq l-affarijiet u kien ikollha toqghod ta' bilfors waqt dan l-att.

Kien hawnhekk fejn kien jghidilha *'biex toqghod kif qaghdet ommha biex gabitha fid-dinja'*. Kienet tipprova tghidlu li ma kienx il-hin ideali u li setghu jaghmlu l-att taz-zwieg filghaxija x'hin ikunu fis-sodda u kien iwegibha 'oqghod hemm'. Tiddeskrivi l-agir ta' zewgha bhala dak *'ta' bhima u mhux ta' ragel mizzewweg'*. Tghid li ppruvat timbuttah diversi drabi 'l hinn minnha imma kien ghalxejn ghax zewgha kien ragel b'sahhtu hafna tant li qabel kien jahdem fil-gebel. Hi tghid li qatt ma rnexxilha tinbuttah 'l hemm. Dan kollu baqa' ghaddej ghal madwar sitta' jew seba' xhur u aktar tard in kontro-ezami tghid li disa' xhur, tul iz-zmien li kienu ghaddejin bil-medjazzjoni. Tghidilna kif kien ikecci t-tfal fuq u jghidilhom li kien ser ipejjep sigarett u jghaddi biex jghalaq il-bieb tal-kcina. Ta' xejn kienet tghidlu li t-tfal kienu

ser jisimghu dak li kien ghaddej u kien iwebbes rasu u jkompli ghaddej b'dan l-agir sesswali u aggressiv tieghu. Spjegat illi kemm il-darba kienet tghid lir-ragel sabiex ma johrogx mill-kamra tal-banju gharwien ghax it-tfal qed jikbru li kienet tohodlu l-hwejjeg ta' taht gol-kamra tal-banju u xorta kien johrog gharwien quddiem it-tfal.

Mistoqsija x'hin kienu l-breaks tax-xoghol tal-akkuzat, tghid li kollox kien jiddependi skond il-hin li jibda xoghol.

F' April 2013 hi ddecidiet sabiex twaqqaf il-medjazzjoni u tkompli bis-separazzjoni ghax ma felhitx iktar. Tghid li f'dan iz-zmien it-tifla Roberta, fil-weekends kienet torqod ma missierha, fl-istess sodda flokha meta kien ikollha *night shift.* Kien hemm zmien meta l-akkuzat telaq mid-dar u ma kienx jorqod mat-tfal u ghalhekk kienet tiehu t-tfal ghand ommu fejn suppost kien jorqod maghhom hu, izda kien hemm okkazzjonijiet li lanqas hemm ma kien imur jorqod maghhom.

Tghid li kienet tkellmet m'ommha dwar dak li kienet ghaddejha minnu ghax ma riditx li tigi wzata iktar izda ommha dejjem qaltilha li dejjem kellha toqghod ghal dak li kien jghidilha zewgha biex ma taqlax inkwiet u biex tirranga l-affarijiet ta' bejniethom. Qalet li ciononostante hi ddecidiet li titilqu u ghaddiet minn zmien difficli hafna biex trabbi lil uliedha tant li kienet tghajjixhom b'mitejn euro li kienet taqla hi u bil-flus li kien itiha missierha.

Kien f' Jannar, 2014 li zewgha telaq mid-dar ghal kollox u kien imur biss fil-*weekends* biex jiehu hsieb it-tfal sakemm hi tkun xoghol. Is-separazzjoni ntemmet f'2019. Tghid li ma fethet qalbha ma hadd dwar dan l-abbuz li ghaddiet minnu salv m'ommha u bl-ghan li zzomm il-kwiet. Tghid li marru flimkien ghal *counselling* waqt il-medjazzjoni imma deher car waqt il-*counselling* li l-akkuzat ma kienx interessat isalva z-zwieg. Tghid li hija qatt ma rrapurtat l-abbuz li sar fuq persuntha u fuq bintha Roberta minkejja li kienet ghamlet diversi rapporti ohra ghaliex ma kienitx taf fuq l-abbuz li sar fuq bintha u fir-rigward tal-abbuz taghha ma riditx issahhan is-sitwazzjoni. Dak iz-zmien kien ghadu kif miet missierha u rat illi bintha

Roberta kellha problemi bil-komportament taghha, tant li harbet mill-iskola u darbet l-*Assistant Head*. Tghid li ffaccjat diversi problemi fir-rigward ta' bintha Roberta meta din bdiet ticcatja ma rgiel ta' eta' ikbar minnha u li kienet qed iggib ruhha hazin maghha u kien ghalhekk li talbet l-ghajnuna tal-Victim Support Unit sabiex jghinuha tindirizza dawn il-problemi li kellha ma bintha.

Waqt li kienet quddiem l-Ispettur Sylvana Gafa' tipprova titkellem dwar il-problemi ta' bintha, harget li bintha giet abbuzata minn missierha gewwa darhom, meta kienu fis-sodda matrimonjali taghha. Kien hemmhekk li giet mgharrfa mill-Ispettur dwar dan l-akkadut u giet mitluba taghti l-kunsens taghha sabiex jigu inizzjati proceduri fil-konfront ta' zewgha. Kien dak il-hin li bintha Roberta fethet qalbha mal-Ispettur u qaltilha wkoll li kienet rat lil missierha jabbuza minnha sesswalment fuq il-mejda tal-kcina u ghalhekk meta l-Ispettur ikkonfrontata b'dan il-fatt hija ddecidiet li tiftah qalbha u titkellem dwar il-martirju li ghaddiet minnu. Spjegatilha kif zewgha kien jinsisti li ikollu x'jaqsam maghha kontra r-rieda taghha u kien ikecci t-tfal mill-kcina u jibghathom fuq sabiex ikunu liberi minghajr indhil tat-tfal. L-Ispettur spjegatilha dak li kienet qaltilha Roberta dwar l-abbuz li kien sehh fuq il-persuna taghha u hi rrakontat ukoll dak l-incident ta' meta kienet marret id-dar u sabet lil zewgha, rieqed ma binthom Roberta u bil-parti tieghu eretta.

Wara dan l-inkontru tghid li r-relazzjoni taghha ma bintha tjiebet. Spjegat kemm kienet mhabbta b'bintha Rosalina li kienet takkumpanjaha ghal diversi terapiji l-Eden Foundation, Ir-razzett tal-hbiberija u CDAU. Qalet ukoll kemm kienet t'ghajnuna Roberta fil-konfront t'ohtha u li zewgha kien abbandunahom u ma kienx jiehu hsieb il-familja. Tghid li ghamlet zmien twil bla manteniment minghandu. Hi spjegat illi Roberta ghandha rabja kbira lejn missierha u hi mugugha minhabba l-fatt li abbanduna l-familja u mar ma nisa ohra. Tghid li Roberta qatghet kull kuntatt ma missierha fis-sena 2014.

Mistoqsija dwar min hu Godwin Gauci tghid li huwa habib tal-familja u jezercita s-sengha ta' mechanic. Tikkonferma li bintha kienet tmur ghandu sabiex titghallem is-

sengha ta' mekkanik u li kienet twassalha hi. Tikkonferma li gieli selfilha xi flus imma taht il-mitt (€100) euro u kien taghhom rigal fi flus ghall-Milied. Mistoqsi kif Roberta kienet tiddeskrivi lil Godwin Gauci, tghid li qisu missierha taf pero' li kienet tirreferi ghalih bhala *boyfriend* taghha pero dan ma kienx minnu illi kienu ghamlu hekk peress li kien hemm ragel li kien iffissat fuqha u biex igerrxuh 'l hemm. Tghid li kienu jmorru jieklu flimkien u fosthom darba marru *lunch* il-Maritim.

**Roberta Marie Camilleri** bint l-akkuzat xehdet li llum ghandha dsatax-il (19) sena u tghix in-Naxxar ma' ommha u m'ohta. Kienet tmur skola imma kellha tieqaf ghax ommha hargitilha l-Multiple Sclerosis u kellha tghinha. Spjegat illi kien hemm zmien li hi rribellat u ommha kienet ghamlitilha rapport l-ghassa. Sussegwentament saret taf li ommha kienet kellmet lill-Ispettur Gafa', u kienu marru d-depot sabiex ikellmuha u sa fejn taf hi kien ser tigi mitkellma fuq il-harba taghha mill-iskola. Gafa' kienet kellmitha nhar il-5 ta' Settembru, 2017 u saqsitha kelliehx bzonn xi ghajnuna, kif kienet qed tmur l-iskola u rigward l-imgieba taghha. Hi spjegat illi meta ommha kienet tahdem fil-weekends mal-lejl il-Casino, ommha Josette kienet thallihom ma missierha, l-akkuzat Edwin Camilleri. Wara certu zmien kien johodhom ghand in-nanna u imbghad kien ihallihom man-nanna u hu ma kienx ikun hemm.

Tispjega illi meta kien joqghod maghhom fil-weekends id-dar hi kienet torqod flok ommha fis-sodda matrimonjali mieghu. Gieli kien hemm drabi li hu kien jitlaq u jhallihom wahedihom lilha u lil ohtha u hi gieli ghamlet iljieli mqajma m'ohtha biex tara li ma jigrilha xejn u ma jtuhiex *fits.*

Mistoqsija fuq l-ewwel incident meta ommha sabitha rieqda magenb missierha b' idejh madwarha u bil-parti tieghu eretta, tghid li ma tantx taf dwar dan l-incident ghax kienet rieqda. Tiftakar biss lil ommha tghajjat ma missierha, pero' saret taf fuq x'hiex kienet din it-tilwima zmien wara. Nonostante dan l-incident hi spjegat illi hi baqghet torqod ma missierha fil-*weekends* ghalkemm ommha kienet tghidilha biex ma torqodx mieghu. Qalet ukoll illi matul il-gimgha meta missierha kien ghadu

jghix id-dar, kien jidhol fix-shower u johrog gharwien u l-mummy kienet tirrabja mieghu.

Hi spjegat ukoll it-tieni incident meta kienet rieqda u hasset id missierha fuq spallejha u niezla l'isfel ghal fuq sidirha u dan messulha minn taht il-flok. Tghid ukoll minn hemm hekk hu nizzel idu fuq il-parti taghha. Tghid li waqaf minn jeddu u ommha waslet ftit minuti wara. Mistoqsija jekk waqafx min jeddu jew ghax sema l-bieb tad-dar jinfetah tghid li ma tafx imma li hu zgur li meta ommha dahlet fil-kamra tas-sodda ftit wara li waslet, missierha kien qed jonhor u hi kienet imqajma. Jekk kienx verament rieqed jew le ma tafx.

Ikkonfermat ukoll illi meta kien jahdem mal-Arriva kien jigi mix-xoghol u kien jghajjat maghha u m'ohtha biex jitilghu l'fuq. Kien jgholli lehnu m'ommha u darba baqghet tissemma u rat lil ommha fuq il-mejda tal-kcina, beda jnehhilha l-hwejjeg u jisfurza ruhu fuqha. Spjegat li din kienet okkazzjoni ta' darba imma dejjem kien jigi jirrabja.

Meta sar it-tieni incident ommha kienet tahdem bhala cleaner il-Casino tal-Qawra u kienet tahdem is-shifts ta' filghaxija. Dakinhar ommha staqsitha ghala kienet ghadha mqajma u hi kienet qaltilha li ma setghetx torqod. Minn dakinhar semghet minn ommha u bdiet torqod fuq is-sufan. Bhala stagun tiftakar li kienet il-Harifa. Hi dan l-atteggjament ma kienitx esperjenzatu ma hadd qabel. Minn dakinhar ir-relazzjoni u l-komunikazzjoni ma missierha kienet minima. Spjegat illi kien jghajjat hafna m'ommha.

Mistoqsija jekk tkellmitx fuq dawn l-incidenti ma terzi persuni, tghid li fethet qalbha biss mal-Ispettur Gafa' u fuq insistenza taghha stess biex tghidilha dak kollu li ghaddiet minnu. Kienet biss meta fethet qalbha mal-Ispettur li ommha saret taf b'dan l-akkadut.

Mistoqsija min hu Godwin Gauci, din ikkonfermat li kien habib tal-familja u li kienet tmur ghandu sabiex titghallem is-sengha ta' mekanik u li sahansitra tghid li anke kien jghinhom finanzjarjament. Mistoqsija kellhiex relazzjoni mieghu, hi tghid biss li hija biss ta' hbiberija u dan minkejja li darba minnhom tellghet post li kienet f'relazzjoni mieghu. Hi tispjega li dan ghamlitu sabiex tehles minn persuna li bdiet tigri warajha.

Tikkonferma illi ilha ma tkellem lil missierha xi hames snin. Hi timmisja l-fatt illi ma kellhiex missier prezenti, xtaqet li kienet bhal tfal ohra u jkollha figura ta' missier f'hajjitha.

Tghid li damet ma harget kollox ghax ma riditx titfa iktar piz fuq ommha li kienet ilha tghaddi minn bizzejjed affarijiet.

In kontro-ezami tikkonferma illi s-separazzjoni tal-genituri taghha affetwata hafna b'mod partikolari minhabba tbatija li ghaddiet ommha bit-trobbija taghhom. Fuq l-incident taghha lesta li tahfer imma mhux ghal dak li garbu ommha u ohtha. Mistoqsija jekk iddispjacijhiex li tkellmet fuq l-incident taghha tghid in parti ddispjaciha ghax tara lil ommha twahhal fiha nnifsiha li ma ndunatx b'dan u tghidilha '*miskina*'. Fil-parti l-ohra temmen li kull azzjoni ghandha konsegwenza u allura min jaghmel il-hazin haqqu jigi kkastigat. Wara li missierha messilha il-partijiet intimi taghha hija ma baqghetx tkellmu.

Rat illi l-akkuzat ghazel li ma jixhidx kif del resto ghandu dritt li jaghmel bil-ligi, izda kien irilaxxa stqarrija mehudha permezz ta' video recording nhar is-26 ta' Novembru, 2017, liema recording gie muri lill-Qorti u minn ezami tal-istess jirrizulta illi l-akkuzat cahad illi qatt abbuza minn bintu Roberta u dan b'mod kategoriku u ex admissis a fol. 81 tal-atti jghid '*mela jien mignun, immiss it-tifla tieghi stess. Trid tkun hanzir ta' veru biex taghmel ma' tifla ta' dik l-eta'*.' Huwa cahad li kien imur ma nisa ohra u kkonferma li ma kellux relazzjoni ma uliedu fiz-zmien tat-tehid tal-

istatement. Mhux vera li kien ilu sseparat minn mal-mara ghal sentejn izda dak iz-zmien meta rrilaxxa l-istqarrija, kien diga' ilu erba' snin separat.

L-akkuzat gie wkoll kkonfrontat b'dak li allegatament qalet bintu, Roberta, dwaru u cioe' li hu kien ikollu x'jaqsam ma ommha fil-brejk waqt il-hin tax-xoghol u hija ma kienitx tkun trid, wiegeb illi dak iz-zmien kien jahdem tal-linja bl-Arriva. Jirrizulta illi meta l-ufficjal investigattiv qara dak li allegatament qalet dwaru bintu, l-istess ufficjal ma jsaqsix lill-akkuzat sabiex jikkonferma dak il-fatt, per ezempju meta jghidlu li bintu qalet illi huwa fil-hin tal-brejk tax-xoghol kien ikollu x'jaqsam m'ommha minghajr ma hija tkun trid, l-ispettur ma jsaqsihx jekk din l-allegazzjoni hix minnha jew le izda jsaqsih x'kien jaghmel sentejn ilu u l-akkuzat iwiegeb li kien jahdem b'tal-linja ma' l-Arriva. Meta l-ufficjal investigattiv jghidlu li bintu qalet li kienet ilha ma tkellmu sentejn u li hu qatt ma pprova jkellimha ma jsaqsihx jekk hux minnu. Meta jghidlu illi bintu qalet ma tkellmux minhabba l-affarijiet li ratu jaghmel m' ommha u minhabba l-affarijiet li ghamel lilha u lil ohtha u li dak iz-zmien kienet tahdem bhala cleaner, l-Ispettur isaqsih biss jekk hux veru li martu tahdem bhala cleaner. Meta l-ispettur jghidlu li bintu qalet li missierha kien abbuza minnha waqt li kienet rieqda meta hassitu jpoggi idejh fuq spallitha u jdahhal idejh minn taht il-flok u jmissilha sidirha u minn taht il-qalziet ta' taht u jmissilha l-parti taghha, ma jsaqsihx jekk din l-allegazzjoni hux minnha izda jsaqsih biss kemm kellha zmien it-tifla dakinhar. Meta aktar tard fl-istqarrija jsaqsih jekk dak li allegat it-tifla hux minnu, huwa jichad l-allegazzjoni u jichad li qatt kellu x'jaqsam ma martu quddiem it-tfal. Mistoqsi b'mod partikolari jekk sfurzax lil martu sabiex ikollha x'taqsam mieghu jwiegeb 'le' u jghid illi meta martu ma kienitx tkun trid ikollha x'taqsam mieghu, kien imur fil-garaxx u jirranga' xi haga fil-karozzi. Jghid illi meta l-mara ma kienitx tkun trid ikollha x'taqsam mieghu, kien ikollhom xi jghidu u daqshekk. Kien jaqbad u jitlaq l-isfel jew jitlaq jorqod.

Semghet ukoll ix-xhieda tad-difiza u cioe' lil **Dr. Claire Francica**. Din stqarret li ghandha warrant ta' play therapist u li llum hija specjalista f'parental alienation. Tghid li tiftakar sewwa dawn it-tfal u li kienet ghamlet xi terapija maghhom. Hija

saret taf lil Rosalina fis-6 ta' Marzu 2015 u kienet giet riferuta lilha minhabba rabja kbira li kellha lejn missierha ghax kien abbandunaha u kienet ratu fuq tal-linja ma mara ohra. Tghid li ghamlet sbatax-il sessjoni maghha u saret taf illi l-problema li kellha Rosalina fil-fatt ma kellhiex x'taqsam ma missierha izda minhabba l-fatt illi l-LSE tal-iskola kienet titqazziza. Qalet li ghamlet hafna play therapy maghha u kien tramite din it-terapija ta' loghob li rat li Rosalina ghamlet progress fl-imgieba taghha. Fir-rigward ta' Roberta hi tiftakar li kellha zewg sessjonijiet maghha, ghalkemm meta xehdet quddiem il-Qorti tal-Familja, kienet stqarret li kienet ratha tnax-il darba fis-Sajf ta' 2015.

Tghid illi ommha kienet allegat illi Roberta kienet giet abbuzata sesswalment u kien ghalhekk li kellha rabja kbira lejn missierha. Qalet pero' illi dan ma rrizultaliex mill-ezami li ghamlet izda rrizultala li t-tfal kienu qed ibatu minhabba l-abbandun tal-missier u s-sitwazzjoni finanzjarja taghhom. Tichad li qatt kellmet lill-akkuzat. Tghid illi zammet kuntatt m'omm it-tfal anke telefonikament u sahansitra taf illi Roberta kkawzat diversi problemi lil ommha tant li anke kienet tohrog ma rgiel t'eta' kbira. Hija waqqfet is-sessjonijiet ma Roberta ghaliex ommhom ma kelliex flus biex thallas is-sezzjonijiet u kienet irrakomandatilha sabiex tuza s-servizzi tal-Gvern. Stqarret ukoll li llum il-gurnata stante l-avvanz fl-istudju taghha li dan setgha ikun kaz ta' parental alienation. Eliminat ghal kollox li kien hemm vjolenza domestika izda kkonfermat illi l-familja Camilleri kienet nieqsa minn hafna affarijiet.

Semghet lil **<u>Doreen Vella</u>**, social worker mal-Appogg. Ikkonfermat illi dan il-kaz gie referut lilha u kienu semmewlha illi kien hemm allegazzjoni t'abbuz sesswali. Tghid illi Josette spjegatilha illi bintha darba minnhom kienet rieqda u missierha kien fis-sodda maghha bil-parti taghha, bil-parti tieghu mqajma. Meta hija tkellmet ma Roberta, din qaltilha li dakinhar ma rat xejn ghax kienet rieqda u taf biss li ommha bdiet tghajjat u li saret taf ir-raguni ghal tali ghajjat zmien wara. Qalet ukoll illi Josette Camilleri qaltilha illi wara dan l-incident hija waqfet mix-xoghol sabiex tiehu hsieb is-sigurta' t'ulieda/ tghid li ghamlet hames xhur tahdem maghhom u f'dak iz-zmien ma kellhiex rapport dwar abbuz sesswali fuq il-persuna ta' Roberta.

Semghet lil Marilena Hassan u kkonfermat li tigi bint Rita Galea u li l-akkuzat huwa z-ziju taghha. Ikkonfermat li ghandha tnejn u ghoxrin sena, li ghandha zewgt itfal u li ghandha relazzjoni tajba maz-ziju l-akkuzat. Spjegat illi darba minnhom ommha staqsitha jekk iz-ziju Edwin kienx qatt abbuza minnha waqt li kienet tkun mieghu fuq l-Arriva u din stqarret li din qatt ma rat ghajn hazina minnu. Qalet li kienet ghamlet is-Sajf tas-sena 2012 meta kellha tlettax jew erbatax-il sena tigri mieghu fuq tal-linja. Tghid illi staqsiet lil ommha ghaliex kienet staqsitha dik id-domanda fuq zijuha u dejjem kienet tevitha li ttiha risposta. Qalet li qaltilha snin wara li zitha Josette Camilleri kienet qaltilha li kien abbuzaha. Dan hi tichdu kollu. Tispjega meta kienet zghira kellha relazzjoni tajba m'ulied l-akkuzat u dan ghax kienu jiltaqghu ghand in-nanna pero' meta z-ziju taghha ssepara minn ma martu, ir-relazzjoni ta' bejniethom ma baqghetx l-istess ghax tilfet kull kuntatt maghhom. Illum il-gurnata r-relazzjoni bejniethom hi wahda migbuda. Qalet ukoll li Josette Camilleri allegat illi hija kienet il-kawza tat-tifrik taz-zwieg taghhom.

Ikkunsidrat:

**Fl-Ewwel Kap tal-Akkuza,** l-akkuzat gie akkuzat talli fis-sena 2016 u fix-xhur u snin ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin, **ippartecipa f'attivitajiet sesswali** ma persuna taht l-eta', Roberta Marie Camilleri u dan kif dispost fl-Artikolu **204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi 'Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel.'** Illi l-prosekuzzjoni akkuzat lil Edwin Camilleri bl-aggravji ta' dan ir-reat u cioe' li:

- Sar fuq persuna vulnerabbli u cioe' fuq persuna ta' that -il hmistax -il sena
- Gie mwettaq minn membru tal-familja tal-wild
- Sar fuq il-persuna ta' dixxendent
- Dar fuq persuna li kienet qed tghix fl-istess dar tal-hati

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs. Raisa Mangion'**[13] gie kkunsidrat li: 'Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa maghruf li dawn l-atti jrid ikollhom bhala minimu certu element ta' sess sabiex l-atti jissejhu attivitajiet sesswali u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu jkun hemm l-uzu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti fir-relazzjoni. Ghalhekk mhux kwalsiasi att bejn zewg minn nies f'relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bhal per ezempju tghannieqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita sesswali.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur John Spiteri) (Spettur Paula Ciantar) vs OMISSIS'**[14] fejn l-Ewwel Qorti dwar l-artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieset: 'Illi permezz tat-tieni mputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat talli ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' bic-cirkostanzi aggravanti. Dan ir- reat kontemplat fl-Artikolu 204C(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie ntrodott fis- sistema legali taghna bl-Att XXXI tas-sena 2007 kif sussegwentement emendat bl- Att IV tas-sena 2014 u bl-Att XIII tas-sena 2018 u jikkontempla:

*204Ċ. (1) Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax- il sena jehel, meta jinstab ħati, il-piena ta' prigunerija minn ħames snin sa għaxar snin.*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja) vs Omissis**"[15] ikkunsidrat is-segwenti atti bhala atti li jaqghu taht it-terminu 'attivita sesswali':-

Għalhekk jirriżultaw it-tlett elementi sabiex jirnexxi r-reat stipulat taht l-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma li l-persuna tkun taħt l-eta' (Ghalkemm fl-Att ta' Akkuza jindika lill-minuri li ghandha tlettax-il sena irrizulta li hija kellha erbatax-il sena) tajjeb li jingħad li llum il-ġurnata l-Artikolu 203 tal- Ligijiet ta' Malta

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Gudikatura Kriminali, nhar it-23 ta' Lulju,2014 (1081/2013)
[14] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar, 2019.
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru 2018.

jipprovdi ghal persuni 'taħt is-sittax-il sena', l-eghmil zieni tant li l-minuri hadet pjacir u t-tielet element l-att tal-korruzzjoni, f'dan il-kaz kif deskritt mill-minuri kkonsista **<u>f'tmesmis tal-partijiet privati ossia ssider u l- vaġina</u>**, l-intromissjoni tas-subgħajh ġewwa l-vagina tal-minuri u l-egakulazzjoni barra u fil-preżenza tal-minuri. Liema atti jikkonsistu f'parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali kif jistipula l-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mhux kontestat f'dan il-kaz illi Roberta Marie Camilleri kienet persuna vulnerabbli ai termini tal-ligi ghax kienet ghadha ma ghalqitx il-hmistax il-sena. Mhux kontestat illi hija membru tal-familja u cioe' dixxendenti tal-akkuzat ghaliex hija bintu u li sa zmien 2013 kienet tghix fl-istess dar mieghu.

Illi pero' jinghad illi l-fatt li missier Roberta Marie kien johrog mill-kamra tal-banju gharwien ma jikkostitwix ir-reat in dezamina u ghalhekk tali akkuza zgur li ma inghatatx f'dan ir-rigward. Dwar it-tieni incident u cioe' li allegatament Josette Camilleri rat lil akkuzat rieqed fil-kamra ta-sodda, allegatament b'idejh fuq spallejn Roberta ukoll ma jikkostitwix ir-reat in dezamina ghaliex dakinhar Roberta Marie fl-ewwel lok kienet rieqda u ghalhekk ma rat xejn u wisq inqas ippartecipat f'din il-vicenda. Mhux talli hekk, talli hija lanqas indunat b'dak li kien ghaddej minkejja li Josette Camilleri bdiet tghajjat ma zewgha u tghid li saret taf b'dak li allegatament sehh zmien wara, meta ommha spjegatilha l-incident. F'dan l-incident fl-ebda hin ma kien hemm partecipazzjoni f'attivita' sesswali. It-tieni incident gie rrapurtat snin wara li allegatament sehh. Fuq dan l-incident l-uniku xhud okulari hija x-xhud Roberta Camilleri stante li l-akkuzat jichad b'mod assolut li dan l-incident sehh.

Illi Roberta Camilleri taghti verzjoni differenti ta' dak li allegatament sehh fir-rigward ta' dan l-incident u dan ghaliex meta hija xehdet quddiem l-Ewwel Qorti hija tghid li tiftakar li kienet rieqda u li missierha kien dahhal idu taht il-flokk taghha u mess sidirha u wara ftit dahhal idejh minn taht il-qalziet ta' taht ukoll. Tghid li ma haditx gost, li bdiet ittih bis-sieq sabiex ihalliha kwieta pero dan ma sarx, pero tghid illi meta sema' l-bieb jinstabat "kompla jorqod u l-mummy x'hin telghet ratni

imqajma u qaltilha li ma setghetx torqod". Meta hija ddiskreviet dan l-incident lill-Ispettur Sylvana Gafa' tghidilha illi missierha kien poggha idejh fuq spallejha u dahhal idejh minn taht il-flokk u messilha sidirha. Qaltilha wkoll li dahhal idejh minn taht il-qalziet u bdea jmessilha l-parti taghha. Tghid li dak il-hin ma qaltlu xejn pero' fl-istess hin tghid illi bdiet tipprova ttih b'saqajha biex twaqqfu pero' ma tax kasha izda waqaf minn jeddu meta sema' l-bieb ta' barra jinfetah. Meta xehdet viva voce quddiem din il-Qorti, tghid illi dakinhar missierha kien mghannaq maghha u li dahhal idejh taht il-flokk u taht il-qalziet ta' taht taghha, pero' hi tghid ukoll li ftit sekondi wara semghetu jonhor u ma tafx kienx rieqed. Fl-ebda hin ma tghid li kkonfrontatu jew li waqaf ghaliex semghet il-bieb jinfetah. Mistoqsija jekk missierha kienx rieqed jew imqajjem hi tghid li ma tafx. Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi ma jistax jirrizulta illi x-xhud mhix konsistenti f'dak li qalet u ghaliex hi stess tghid li ftit sekondi wara dan l-akkadut missierha kien qed jonhor u ghalhekk zgur haga li qatt ma ssemmiet qabel u li ssemmiet l-ewwel darba quddiem din il-Qorti. Illi l-Qorti ssibha difficli hafna temmen illi minkejja t-terapija li nghatat u fost il-mibgheda li kellha ghal missierha li materja tant importanti bhal din ma tigix irrapurtata fi zmien aktar vicin l-allegat akkadut. Jidher illi t-tifla ma kelliex karattru dghajjef imma kienet persuna ribelluza tant li harbet mill-iskola, li weggghet lill-Assistant Head taghha li skond Dr. Francica harget ma irgiel ikbar minnha u li skont l-ammisjoni taghha stess kienet ticcatja b'mod regolari mal-adulti. Il-Qorti ma temminx lil Roberta Camilleri meta tghid illi hija ma tkellmitx fuq dan l-incident qabel ghaliex ma riditx tinkwieta lil ommha u dan peress li ommha diga' kellha bizejjed fuq x'hiex tinkwieta. In effetti jirrizulta li kienet l-istess Roberta li kienet qed tinkweta tant li meta akkompanjata ghand l-Ispettur Sylvana Gafa', hija marret hemmhekk sabiex tirraporta l-behavioural problems taghha stess. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi r-raguni moghtija minn Roberta biex ma tirrapurtax dan l-incident qabel hu wiehed fjakk u ma jitwemminx.

In oltre jigi rilevat fir-rigward tax-xhud Roberta Camilleri illi meta hija giet mistoqsija biex taghti ismijiet tal-irgiel ma min kienet ticcatja hija wiegbet li ma xtaqietx isemmi ismijiet li mhux ma taqbilx ma dawk imsemmija minn ommha. Dan

jindika b'mod car illi l-minuri xtaqt biss tikkollabora l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn ommha. In oltre jigi rilevat ukoll illi meta giet moqrija lilha, ix-xhieda li hija tat quddiem l-Ewwel Qorti, hija kkonfermata minkejja d-divergenzi li kien hemm salv ghall-fatt li qalet li hi kellha hdax jew tnax-il sena meta sar dan l-incident u mhux tnax jew tlettax-il sena. Meta giet mistoqsija ghaliex ridet taghmel din il-klarifika qalet li qabel ma xehdet rat il-karti ma setax ikun li kellha tlettax-il sena ghax meta kellha tlettax missierha kien ga telaq mid-dar.

Ghalhekk in vista tal-kwadru suespost il-Qorti tiddikjara illi mhux qed issib lill-akkuzat hati tal-Ewwel Kap tal-Akkuza.

**Fit-Tieni Kap t' Akkuza,** Edwin Camilleri gie akkuzat talli fl-istess zmien u lok ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Josette Camilleri u li tali stupru hu aggravat peress li sar fuq il-persuna tal-konjugi u sar b'mod ripetut.

L-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' stupru huwa ben stabbilit fl-ordinament guridiku taghna. L-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XIII ta' 2018 u cioe' l-Artikolu li japplika ghal kaz odjern kien li jipprovdi li:

*Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati ..*

Illi essenzjalment id-definizzjoni tar-reat ta' stupru skond l-Artikolu tal-ligi ta' dak iz-zmien huwa rape u jikkonsisti essenzjalment fil-kongungiment karnali, cioe fil-ghaqda ta' gisem ma gisem iehor. Stupru ghalhekk jfisser li jrid ikun hemm relazzjoni sesswali, irid ikun hemm l-introduzzjoni jew penetrazzjoni ta' l-organu genitali ta' persuna fl-organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment karnali jew introduzzjoni tal-organu genitali ta' persuna f'ta' persuna ohra, ma hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox jew kkonsmat. Il-penetrazzjoni ta' organu genitali f'iehor ma hemmx ghalfejn tkun shiha ghal kollox. Huwa bizzejjed, skond l-ligi, jekk ikun

hemm biss anke parti minn din il-penetrazzjoni, xorta f'dak il-kaz id-delitt huwa komplut, mill-aspett tal-element materjali. Il-qtugh tal-hymen u emissjoni ta' semen mhux elementi kostituttivi ta' dan ir-reat kien jikkonsisti fil-kongungiment karnali.[16]

Illi ghalhekk l-istupru kif ravvizat qabel l-emendi ricenti jirrikjedi zewg elementi: l-att sesswali, li jkun maghmul kontra l-volonta' tal-vittma, bi vjolenza. Dawn iz-zewg elementi li jridu jkunu jesiztu flimkien u fl-istess hin waqt li l-partijiet allegatament kkommettew ir-reat, ghaliex jekk ma jirrizultax element wiehed minnhom, allura ma hemmx r-reat in kwistjoni Filwaqt li l-att sesswali huwa l-att materjali, l-element formali hu dak intenzjonali u cioe' li l-att sesswali sar kontra l-volonta' tal-parti l-ohra.

Skond **l-Professur Mamo** fin-Noti tieghu **The Criminal Law**, jghid li l-vjolenza huwa l-element karatteristiku tar-reat ta' stupru u fil-fatt huwa l-element baziku w intrinsiku ta' dan r-reat.

**Maino**, il-gurista Taljan, fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale - Vol 3 - pagni 178 u 179** jghid:

> "*L indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto contro la volonta della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze del fatti che rientra nelle nozioni piu ovvie della vita.*"

Illi fir-rigward din il-Kap tal-akkuza din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti. L-akkuzat jghid illi meta l-mara tieghu ma kienitx tkun trid li jkollhom x'jaqsmu kienu jew jillatikaw jew jitla' jorqod jew jinzel fil-garaxx waqt li l-allegata vittma tghid illi hija kien ikollha toqghod soggettata sabiex taghmel l-att sesswali mieghu anke kontra l-volonta' taghha.

---

[16] Ara **Il-Pulizija vs Rhys Fiteni et** deciza nhar l-10 t' April, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Illi mhux kontestat illi l-allegata vittma Josette Camilleri hi mart l-akkuzat. Josette Camilleri tghid illi hija kienet tkun soggettata li taghmel l-att ta' zwieg ma zewgha ghall-perjodu kontinwu ta' sitt xhur imbghad tikkoregi ruhha u tghid ghal disa' xhur kuljum imbghad tghid kwazi kuljum u dan dejjem kontra l-volonta' taghha. Tghid illi ta' kuljum fil-break zewgha kien jigi d-dar qabel ma tmur tigbor it-tfal mill-iskola u kien jezigi li jkollu x'jaqsam maghha fuq il-mejda tal-kcina. Tghid li kien jizbarazza l-mejda wara li tkun qalbitlu l-ikel u jkun kiel, jnehhilha l-qalziet ta' taht u jippenetra. Hi tghid li ma kienitx tkun trid izda fl-istess nifs tghid li kienet tkun trid li dan isir filghaxija waqt li jkunu fis-sodda. Hija tghid li dwar dan tkellmet u fethet qalbha ma ommha li min-naha taghha tghid li dejjem tghidilha li hi kellha toqghod ghal dak li jghid ir-ragel u li tissogetta ruhha ghalih. Tghid ukoll li hija ma hassitx li kellha tieqaf sabiex ma tkunx hi l-kagun tal-falliment taz-zwieg, pero fl-istess nifs tghid li kienet tipprova tinbuttah 'l hemm imma ma kienx jirnexxielha ghaliex hu kien jahdem fil-gebel u ghalhekk kien b'sahhtu hafna.

Illi din il-Qorti ssibha difficli temmen kif l-att taz-zwieg jista' jigi maghmul b'mod ripetut kwazi kuljum ghal numru ta' xhur kontra l-volonta' ta' parti meta fil-hinijiet l-ohra tal-gurnata z-zewg partijiet kienu liberi u ghalhekk kieku verament l-allegata vittma ma riditx ikollha x'taqsam ma zewgha zgur kif ghamlet f'okkazzjonijiet ohrajn fejn ghamlet diversi rapporti lill-pulizija fuq materji ohra, kienet taghmel l-istess fuq din l-akkuza. Issibha wkoll stramba kif l-istess allegata vittma ma tispjegax kif effettivament waqaf dan l-abbuz u kif irnexxielha twaqqfu li kieku ma kienx l-akkuzat stress li waqaf minn rajh. Il-qorti ssibha difficli temmen hafna kif fl-ewwel lok bniedem li jkun jahdem b'shifts u jkun dejjem disponibbli kwazi kuljum fl-istess hi u cioe' qabel it-tfal jaslu mill-iskola jew ftit wara. Issibha wkoll difficli temmen kif bniedem ikollu x'jaqsam ma martu kuljum b'mod ripetut ghal perjodu ta' diversi xhur meta allegatament fl-istess zmien, l-istess bniedem qed jara nisa ohra. Il-qorti tinnota wkoll illi Josette Camilleri mhix konsistenti f'dak li tghid u dan ghaliex filwaqt li tghid illi r-ragel taghha kien jitrattaha hazin u jghidilha 'Oqghod hemm u hu l-hmieg ta' zewgek' u fl-istess hin titolbu jiehu t-testijiet medici sabiex jara laqqatx xi marda bil-

ghan li taccettah lura d-dar. Issibha wkoll difficli temmen kif il-vittma li kellha tant problemi bit-trobbija ta' ulieda, meta ma kienitx tiddependi fuq zewgha ghal finanzi taghha ghaliex tghid li ma kienx itiha flus, izda li kien jistupraha u li kienet xorta wahda trid issalva z-zwieg.

Illi Josette Camilleri tidher li mhix kredibbli per ezempju meta hija tistqarr li saret taf bl-abbuz sesswali fuq bintha Roberta wara li fethet qalbha mal-Ispettur Sylvana. Hawnhekk ukoll jirrizulta li mhux minnu ghaliex meta tkellmet ma Dr. Claire Francica u ma Doreen Vella fis-sena 2015, gia kienet allegat li seta' kien hemm kaz t'abbuz sesswali. Mikejja li dawn l-esperti ddecidew mod iehor.

Jirrizulta wkoll illi Josette Camilleri ma kinitx veritiera meta qalet lir-Rita Galea li zewgha kien mess b'mod sesswali lil Marilena Hassan meta dan ma kienx minnu. Kif del resto kkonfermat l-istess Marilena Hassan. Jirrizulta wkoll li meta Josette Camilleri giet konfrontata b'diversi xhieda moghtija fi proceduri civili u fatti li jikkontestaw dak li qalet quddiem din il-Qorti, hija wahhlet jew fl-Avukat jew fit-tajpista illi dak miktub ma kienx intqal minnha.

Ma hemmx dubbju illi Josette Camilleri ghaddiet minn hafna tbatija psikologika u li effettivament anke ulied l-akkuzat ghaddew minn trauma minhabba s-separazzjoni tal-genituri taghhom, pero dan ma jfissirx li din il-Qorti ghandha ssib lill-akkuzat hati tat-Tieni Kap Tal-Akkuza.

Din il-Qorti kienet tippretendi li jekk verament ghaddiet mit-trawma ta' stupru fid-diversi granet, gimghat u xhur li almenu kienet tiddeskrivi dak li kienet tghaddi minnu waqt dan l-allegat reat. Hija fl-ebda hin ma tghid jew taghti deskrizzjoni tal-att li kien ikollha tisubixxi. Ghalhekk din it-Tieni Kap Tal-Akkuza ma gietx ippruvata b'mod sodisfacenti.

**It-Tielet Kap t'Akkuza**, Edwin Camilleri gie akkuzat illi fl-istess lok, zmien u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, arresta, zamm jew

issekwestra lil Josette Camilleri kontra l-volonta' taghha sabiex tigi mieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha fil-kwalita' ta' martu.

Dwar it-tifsira ta' dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fuq din l-istess materja mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna) Vs Deemer Tabone**[17]**.**

Ir-reat t'arrest illegali jinkludi fih tlett ipoteżi differenti u ċioe' dik tal-arrest, taż-żamma jew tas-sekwestru tas-suġġett passiv. Fil-forma oriġinali tiegħu l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jirriproduċi kważi kelma b'kelma l-Artikolu 169 tat-Tieni Ktieb tal-Codice per lo Regno delle due Sicilieli kien jippreskrivi s-segwenti : -

> *"Chiunque senza ordine delle autorita' costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all'arresto degl'incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un tale arresto o sequestro sara' punito del primo grado de' ferri nel presidio"*[18]

Skont il-maġġoranza tal-awturi ta' dak iż-żmien riċerkati minn din il-Qorti jirriżulta li dan ir-reat kien imnissel mir-reat aktar qadim ta' "carcere privato". Sa minn żmien il-Carmingnani kien ġie rikonoxxut li dan ir-reat ma hux rifless biss fl-ipoteżi tal-arrest ta' persuna mingħajr awtoritá leġittima.[19] Il-Carmignani kien jiddistingwi bejn ir-reat ta' carcere privato – (a) fis-sens proprju ristrett u dak ta' (b) carcere privato per equipollenza.

---

[17] Deciza 15 ta' Mejju 2016.
[18] Il-Codice per lo Regno delle due Sicilie, Prima Edizione, Parte Seconda, Avv. Luigi Dentice & Co., Napoli, 1849, page 38.
[19] Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'ultima di Malta, Napoli, 1854, page 248-249.

Biss sa minn din it-tifsira bikrija jirriżulta li l-kunċett ta' carcere privato kien ristrett għall-ipoteżi ta' arrest attwali, detenzjoni jew sekwestru ta'persuna.

> *"E' vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, cio' che fu' una delle insigne e dei simboli della magistratura (2) s'intende poi tale per equipollenza quando taluno nella propria casa abbia coll'ajuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso (3)."*

Francesco Sav. Arabia[20] li jikkummenta wkoll fuq il-Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet jgħid li:-

> *"Arresta chi privando un'uomo della sua liberta lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita' pubblica: detiene chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: sequestra chi priva altri della sua liberta separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta civile e' compreso nella sanzione di questo articolo."*

Skont l-Arabia dan ir-reat mhux limitat għal-meta tiġi mhedda biss il-liberta naturali tas-suġġett passiv iżda wkoll meta l-liberta ċivili tas-suġġett passiv tiġi newtralizzata'– kunċett evidentement aktar wiesa' minn dak ta' liberta naturali.

Biss il-Codice per lo Regno delle due Sicilie espanda fuq il-kunċett ta' carcere privato billi żied b'mod espliċitu mhux biss l-ipoteżi tal-arrest jew detenzjoni iżda wkoll dik tas-sekwestru ossija sequestro. Dawn huma għalhekk tliet ipoteżi differenti li pero jikkostitwixxu r-reat tal-carcere privato. Maż-żmien din it-tifsira tal-carcere privato

[20] I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.

evolviet u diversi awturi Taljani oħra spjegaw sitwazzjonijiet differenti fejn persuna tkun tista' tiġi arrestata illegalment minkejja li ma tkunx konfinata fi spazju fiżiku delineat bħal-residenza jew ambjent magħluq.

Skont ir-Roberti[21] dan ir-reat kien jaqa' fil-kategorija ta' reati intiżi li jittutelaw il-liberta personali minkejja l-fatt li kienu jinsabu fis-sub-titolu Dell'uso privato de' mezzi della pubblica autorita'. Roberti jgħid:

> *"La legge adopera l'espressioni arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona. Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale con cui si puo' attentare alla liberta della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di carcere privato non s'intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l'impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, sia trasportandolo suo malgrado o facendolo ovunque trattenere per forza .... che il reato preveduto nell'art. 169 esista' sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro".*[22]

Ferrarotti, li jikkummenta fuq il-Kodiċi tal-Piemonte[23] li kien jippreskrivi disposizzjoni simili għall-dik kontemplata fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku aktar il-fuq imsemmi jistqarr :

> *"Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo e' stato privato della piena liberta individuale; non e' necessario il-concorso della forza materiale e della violenza"; cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini.*

[21] Corso Completo del Diritto Penale, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.
[22] Enfażi miżjuda.
[23] Commentario Teorico Pratico del Codice Penale, T. Ferrarotti, Torino, 1860, p 294

Dan ifisser li biex jitwettaq id-delitt tal-arrest jew żamma illegali mhux meħtieġ li jkun imwettaq b'xi vjolenza jew bl-eżerċizzju ta' forza materjali fuq is-suġġett passiv tar-reat. Skont dik il-Liġi jekk ikun hemm vjolenza jew forza materjali eżerċitata fuq is-suġġett passiv, is-suġġett attiv jirrendi ruħu responsabbli għar-reat fil-forma kwalifikata tiegħu. Inoltre huwa jtenni li ma hemmx bżonn li jiġi determinat jew stabbilit xi motiv speċifiku wara l-arrest, żamma jew sekwestru tas-suġġett passiv.

Il-Buonfanti fil-Manuale Teorico Pratico del Diritto Penale, kummentarju fuq il-Kodiċi Penali tat-Toskana[24] jgħid : -

> *"Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto materiale, e la sua moralita'. Il fatto materiale puo' effetuarsi in tre modi distinti per l'arresto, la detenzione, il sequestro. Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi, come e' facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d'una persona senza ch'essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogho; la sua detenzione nella casa propria e conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a piu' forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici per loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l'uno dall'altro, ma si confondono in una stessa imputazione….D'onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, perche essa possa essere considerate come arrestata o detenuta… Quanto poi alla moralita', ossia alla causa del fatto, perche questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo*

[24] J. Buonfanti, Pisa, 1849 page 819.

*dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un' autorita' che ai soli magistrati si appartiene."*

Element importanti ghall-ezistenza ta' dan r-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija v Andrew Bonnici** huwa li bniedem irid jkun jittiehed fil-post kontra l-volunta tieghu.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti hi tal-fhema li l-vittma fl-ebda hin ma kienet mizmuma kontra l-volonta' taghha ghax fil-fatt hi stess kienet tghid li taghmel l-att taz-zwieg mieghu sabiex tehles u tkun tista' tkompli bl-affarijiet taghha u ghalhekk fih innifsu hu ndikattiv li ma kienitx mizmuma kontra l-volonta' taghha izda li kienet toqghod ghal dan l-att b'mod volontarju minkejja li jista' jkun li kien hemm drabi meta kienet tippreferi li kieku tali att taz-zwieg kien jigi kommess iktar tard fis-sodda.

Ghaldaqstant din il-Qorti zgur ma tistax issib lill-akkuzat hati taht dan l-ahhar att t'akkuza.

Dwar l-akkuza tar-recediva fil-konfront ta' Edwin Camilleri jinghad illi stante li din il-Qorti mhux issibu hati tat-tlett Kapi ta' l-Akkuzi, ma tistax issibu hati tar-recediva.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tiddikjara illi mhux qed issib lill-akkuzat Edwin Camilleri hati skond il-Kapi tal-Akkuzi, tilliberah minn kull akkuza u tordna rrilaxx immedjat tieghu.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur